Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 161 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Galea**

Illum, 28 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Galea, detentur tal-karta tal-identita′ numru 580548(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-11 ta′ Awissu, 2015 u fi zmien ta' qabel f'dawn il-Gzejjer

1. kkommettejt serq semplici ta′ pjanci bin-numri tar-registrazzjoni EBW 685 minn fuq il-vettura tal-ghamla Subaru li l-valur huwa ta′ mhux inqas minn €232.94 (Kap 9 Artiklu 284);

2. ghamilt uzu minn marka ta′ registrazzjoni xort′ ohra minn dik moghtija mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari (CAB607); (L.S.368.02 Artiklu 44 (5) )

3. ikkommettejt serq semplici li l-utili li kellek fi hsiebek kien biss dak tal-uzu biss tal-haga mehuda u bil-hsieb li troddu lura ninnufih (Kap 9 Artiklu 288);

4. bhala persuna li ghamilt uzu, jew bhala s-sid ta' l-imsemmija vettura, biddilt, irrangajt mill-gdid jew hassart marka ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur jew xort' ohra baghbast mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur (L.S. 368.02 Artiklu 44 (4) ).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Marzu, 2016 fejn il-Qorti wara li rat il-Liġi hawn fuq indikata, lliberatu mill-akkuzi numru wiehed (1), tlieta (3), erbgha (4) u sabitu hati tal-akkuza numru tnejn (2) u kkundannatu multa ta' €500.00, liema multa ghandha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €50.00 fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-1 ta' Mejju, 2016, b' dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc ta' l-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Galea minnu pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati u thassar u tirrevoka fejn il-Qorti sabitu hati tal-imputazzjoni kif indikat fis-sentenza u minnha tilliberah skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox, l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu. Illi l-fatt li fit-tlett (3) akkuzi l-ohra l-imputat gie dikjarat mhux hati hija turija li s-sitwazzjoni ' in generali' tippunta fid-direzzjoni ta' l-innocenza tal-imputat.

2. Illi l-istess fir-rigward it-tieni (2) akkuza fejn mix-xhieda irrizulta li kien tort ta' l-istess Victor Lofreda li, meta uza l-vettura mislufa minnu mill-imputat, pogga l-pjanci tal-vettura tal-mibkija ommu w insihom hemm! Illi bhala sid ta' 'car hire service' , wiehed jista' jifhem li l-imputat assuma li l-pjanci kienu tal-vettura tieghu mizmuma fil-garaxx! Illi pjacir li ghamel l-imputat lill-Victor Lofreda serviet ta' hsara ghalih meta hu ma kellu tort ta' xejn!

3. Illi allacjat mas-suespost, wiehed jista' japprezza li ma kienx prezenti ebda mens rea la minn naha tax-xhud tal-prosekuzzjoni Lofreda multo magis minn naha tal-imputat. Illi ghall-imputat, il-fatt li gie mitlub jitla l-Qorti biex jirrispondi ghal haga fejn ma kellux tort, jikkonsiderha bhala affront ghalih ghax hu dejjem ottempera ruhu mal-ligi.

4. Illi di piu, wiehed irid jistaqsi la l-istess xhud tal-prosekuzzjoni Lo Freda ikkonferma li l-izball kien assolutament tieghu, l-evidenza tieghu skolpiet ghal kollox l-pozizzjoni tal-imputat. Illi wara kollox, l-imputat haseb li l-pjanci kienu tal-vettura tieghu li kienet fil-garaxx u li tpoggew gewwa l-vettura minhabba ragunijiet biex forsi issir xi servizz fuq il-vettura tieghu! Illi f' dan ir-rigward wiehed isaqsi min ser jaghmel hsara lilu innifsu bhalma qed jigi suggerit f' dawn il-proceduri? Illi l-imputat hu ragel serju w tal-affarijiet tieghu w dejjem ikkonforma mal-ligi!

5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak indikat, is-suespost bl-ebda mod m' ghandu jigi kunsidrat bhala ezawrjenti ai finijiet ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti

1. Fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) Warden 440 Ryan Cohen u Warden 209 Melvin Darmanin fi Triq il-Qaliet, Marsaskala lemhu vettura li kellha licenzja tal-*windscreen* skaduta;

2. Illi hekk kif kienu ser johorgu citazzjoni, irrealizzaw li l-vettura kellha l-pjanci bin-numri ta' registrazzjoni ta' vettura ohra;
3. Illi irrizulta li din il-vettura kienet mikrija lil terzi persuni minghand l-appellant Anthony Galea bhala sid ta' *car hire service*;
4. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

L-Ewwel Qorti ma sabitx htija tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet izda sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni. L-appell tal-appellant huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi'**[1]

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[2]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [3]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" u ohrajn .)'* (Emfazi mizjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi citati jinsabu fin-noti fil-qiegh tal-pagna)

Ikkunsidrat ukoll:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE**

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991

***WIDGERY*** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"*[6] *(in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392).' (Emfazi mizjuda)

Il-Qorti fl-istess sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi'**[7] ikkunsidrat ukoll li:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"*[8]*, inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".*

L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li qieghed jishaq l-innocenza tieghu u li l-fatt li fit-tlett (3) akkuzi l-ohra l-imputat gie ddikjarat mhux hati hija turija li s-sitwazzjoni in generali tippunta fid-dikjarazzjoni tal-innocenza tal-imputat. Dwar dan, din il-Qorti tissottolinea li l-fatt li persuna ma tkunx misjuba hatja ta' uhud mill-

---

[6] [1969] 1 QB 276

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru 1994

imputazzjonijiet ma jfissirx necessarju li dan jipponta ghall-innocenza rigwardanti l-kumplament tal-akkuzi. Il-Qrati jridu jaghmlu apprezzament tal-fatti kif ukoll konsiderazzjonijiet ta' dritt ghal kull imputazzjoni.

L-appellant jissottometti ukoll fir-rigwarda tat-tieni akkuza li mix-xhieda jirrizulta li kien tort tal-istess Victor Lofreda li meta uza l-vettura mislufa minn mill-imputat, pogga l-pjanci tal-vettura tal-mibkija ommu u insihom hemm. Bhala sid ta' *car hire service*, wiehed jista' jifhem li l-imputat assuma li l-pjanci kienu tal-vettura tieghu mizmuma fil-garazz. Skont l-appellant, il-pjacir li ghamel l-imputat lil Victor Lofreda serviet ta' hsara ghalih meta hu ma kellu tort ta' xejn. Jissottometti li ma kellux *mens rea* la minn naha tieghu u lanqas ta' Lofreda. Jissottometti ukoll li x-xhud Lo Freda ikkonferma li l-izball kien assolutament tieghu, l-evidenza tieghu skolpiet ghal kollox il-pozizzjoni tal-imputat. Li l-imputat haseb li l-pjanci kienu tal-vettura tieghu li kienet fil-garaxx u li tpoggew gewwa l-vettura minhabba ragunijiet biex forsi isir xi servizz fuq il-vettura minhabba ragunijiet biex forsi issir xi servizz fuq il-vettura tieghu. Jistaqsi min ser jaghmel hsara lilu nnifsu bhal ma qed jigi suggerit f'dawn il-proceduri. Jissottometti li hu ragel serju u tal-affarijiet tieghu u li dejjem ikkonforma mal-ligi.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' Ps. 1181 Eugeni Caruana fejn gie ddikjarat li fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta tas-1.00pm ircevew rapport minghand Warden 400 Melvin Darmanin u Ruan Cowan warden 444[9] li waqt li kienu fi Triq il-Qaliet Marsaskala kienu sabu vettura tal-marka Subaru bin-numru CAB607 u meta ccekjaw dan in-numru irrizultalhom li dawn in-numri kellhom licenzja mhux rinovata, huma ziedu illi kif dahlu dan in-numru fis-sistema taghhom in-numru ma bediex jikkorispondi mal-ghamla tal-vettura li kienu imwahlin maghha. Irrizulta li din kienet mikrija lil turist Taljan bl-isem ta' Antonio Bianco. Gie mitkellem l-appellant Anthony Galea u cioe' s-sid tal-garage bl-isem ta' 'St. Joseph' fejn it-Taljan ikkonferma li dan kien l-istess persuna li krielu l-vettura. Irrizulta li f'Ottubru 2014 kien sar rapport lil Pulizija minn certa Mary Lofreda li kienet tilfet pjanca tal-vettura taghha numru CAB607 u irrizulta li din mietet f'Jannar

[9] Skont l-atti xehdu Warden 440 Melvin Darmanin u 440 Ryan Cohen u ghalhekk in-numri tal-wardens kif indikati fl-affidavit huma zbaljati.

2015 izda t-tifel taghha kien ghamel pjanca ohra biex jirriplesja l-mitlufa. Gara li l-vettura kien remija u zamm in-numri u kien sejjer jiskrepjahom izda madwar 15 il-gurnata ilu huwa kien kera van minghand Galea sabiex ikun jista' jgorr xi affarijiet u fost dawn l-affarijiet kellu dawn il-pjanci imsemmija u gara li meta rritrona l-van lil Galea dan nessihom fil-van.

PS 1181 Eugenio Caruana permezz tal-affidavit tieghu spjega ukoll li meta kellem lil Galea u staqsieh kif il-pjanci spiccaw ghandu, qal li madwar hmistax (15)-il gurnata ilu kien kera van lil Lofreda u meta dan irritorna lura sabhom fih, zied li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien tilfet il-pjanci tal-van tieghu Subaru E10 numri EBW684 u minflokk ma rraporta lil Pulizija, kien qabad u wahhal il-pjanci li sab u li kien halla Lofreda, u li huwa qalli veru kera l-van bi prezz ta' hmistax (15) il-ewro kuljum. Mistoqsi ghala ma kienx ghamel rapport li sab dawn il-pjanci fil-van tieghu jew ghala ma pruvax jikkuntatja lil Lofreda ma wiegeb xejn. Lanqas wiegeb ghala ma kienx ghamel rapport li tilef il-pjanci tas-Subari. Skont l-affidavit '*Huwa spicca billi qalli li jaf li zbalja u qed jammetti kollox*.' Din il-Qorti tissottolinea li ghalkemm f'dan l-affidavit hemm imnizzel li hemm mehmuza dikjarazzjoni li din il-Qorti qieghda tifhem tirrigwarda l-fatt li l-appellant irrifjuta li jezercita d-dritt li jekellem Avukat, din id-dikjarazzjoni mhijiex annessa. Din il-Qorti tqis li minkejja li l-appellant gie mitkellem mill-Pulizija fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghalhekk fi zmien meta suspettat kellu dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel ma jigi mitkellem mill-Pulizija izda mhux matul, mill-atti ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar l-ammissibilita' ta' dak li l-appellant kien qal lil PS 1181 Eugenio Caruana skont kif rapportat minn PS 1181 Eugenio Caruana fl-affidavit tieghu. Ghalhekk din il-Qorti sejra tqis l-affidavit ta' PS 1181 Eugenio Caruana inkluz ghalhekk dak rapportat f'din l-affidavit bhala mistqar mill-appellant bhala ammissibli.

Skond din l-affidavit u cioe' ta' Ps. 1181 Eugenio Caruana gew annessi zewg rapporti u cioe' dak rigwardanti t-telf tal-pjanci bin-numru CAB607, liema rapport izda ma giex anness mal-affidavit u ma jinstabx fl-atti. Gieipprezentat izda r-rapport maghmul mill-appellant dwar it-telf tal-pjanci bin-numri EBW685 ghalkemm mhux anness ma' din l-affidavit.

Quddiem l-Ewwel Qorti skont dak li jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) kienu xehdu Director Transport jew rapprezentant tieghu Stephen Cachia in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Licenzji, gew ipprezentati dokumenti rigwardanti il-vettura bin-numru 'EBW753', xehdu 209 Melvin Darmanin, 440 Ryan Cohen u Victor Lofreda. Xehed ukoll l-akkuzat Anthony Galea. Ix-xhieda ta' dawn ix-xhieda mhijiex dattilografata u ghalhekk regghu ittellghu jixhdu quddiem din il-Qorti, uhud minnhom quddiem din il-Qorti kif preseduta u ohrajn quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Stephen Cachia li xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) bhala Adminsitrator gewwa d-Direttorat ghat-Trasport fuq l-art li jifforma parti minn Transport Mala gew mitluba jaghmlu ricerka dwar il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBW-685. Spjega li mir-ricerka li ghamel irrizulta li din il-vettura hija tal-ghamla Subaru E10 ta' kulur ahmar, registrata fuq Laurence Gilford bin-numru tal-karta tal-identita' 518363(M) li ila hekk registrata mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017). In-numru ta' registrzzjoni kien inbidel u gie EBW 753 peress li kien wasal rapport ghand Transport Malta li l-pjanci gew mitlufin u dan fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u rigward il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAB-607. Din hija tal-ghamla Skoda Favorit ta' kulur griz registrata fuq Mary lofredo, detentrici tal-karta tal-identita' 601452(M) u din il-vettura ilha hekk registrata mis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u l-ahhar licenjza skadiet fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015). Dwar fol 15, 16 u 17 qal li huwa l-istess dokument izda is-sid precedenti kienet Jeanette Ciantar tal-karta' tal-identita' 454781(M) u l-vettura giet trasferita fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, tas-sena elfejn u sbatax (2017) fuq Laurence Gilford. In kontro-ezami qal li l-vettura CEB-607 hija fuq Mary Lofreda.

Warden 440 Ryan Cohen fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) kienu qeghdin jaghmlu r-ronda gewwa Wied il-Ghajn, fi Triq il-Qaliet ra karozza tat-tip Maruti li kellha l-licenzja tal-windscreen 'May 14', kif nizlu u ccekjaw l-licenzja nnutaw li

kellha n-number plates ta' karozza ohra. In-number plate CAB-609 kienu tat-tip skoda. Waqt li kienu sejrin johorgu '*t-ticket*' avvicinawhom zewg turisti Taljani u qalulhom li l-karozza kienet mikrija minghand is-Sur Anthony Galea. Bghatu ghal Pulizija biex jigu jasssistuhom fuq il-post. It-'*tickets*' iffirmahom hu. Mistoqsi '*Jigifieri x' qed tghid li rrizultalek meta ccekkjajt CAB- 607*' wiegeb '*609*'. Kien tela tat-tip skoda l-karozza u l-van kien Maruti. In kontro-ezami qal li ma ghandux imnizzel x'tip ta' van kien izda jekk mhux jizbalja kien Maruti Omni. Mistoqsi jekk mhux Subaru qal li ma ghandux imnizzel, Maruti ghandu imnizzel. Dwar in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura rega sostna in ri-ezami li huwa 'CAB 609'.

Warden 209 Melvin Darman xehed fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) li fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) kienu hu u l-kollega l-440 qeghdin jaghmlu r-ronda lejn Marsaskala u fi Triq il-Qaliet fejn hemm bicca trejqa izda taghmel ma triq il-Qaliet, fejn il-bahar innutaw van Suzuki li kellu l-licenjza 'May 14', u x'hin marru biex iharkuh, fuq il-licenzja innutaw li l-computer taghhom tela skoda u nnutaw li l-pjanci ma taqbilx mal-licenzja. Il-pjanca li beda jara hu kienu 'CAB 607'. It-Taljani li kienu biha ma kienux jafu li l-karozza ghandha n-numri mhux taghha u licenzja skaduta li kienet mikrija minghand is-sinjur. Ikkonferma li CAB 607 meta ghamel il-verifiki tieghu telghet li kienet skoda mhux Subaru. Qal li '*Suzuki, Subaru, Maurti, xi haga hekk kienet il-karozza. Imma ma' niftakarx ezatt.*' Izda d-dettalji telghu ta' Skoda u n-numri ma kienux jaqblu mal-vettura. Jghid li l-ufficju ma pprinjawx il-primi noti ta' dak in-nhar ghalhekk ma jiftakrux ezatt. Jghid li anke ritratt kellu mac-citazzjoni. Jiftakar li l-karozza kien bhal vann Maruti, Suzuki jew Subaru u l-licenzja kienet May 14. mar biex iharku fuq il-licenzja u kif dahhal in-number plate, tela' skoda. Effettivament kien van. In kontro-ezami qal li l-vettura kienet ipparkjata u jispjega li l-van setgha kien Maruti, Suzuki jew Subaru ghax l-primi noti ma harguhomlhomx l-ufficju. Jiftakar li l-karozza kienet bhal Subaru jew Suzuki jew Maurti izda mhuwiex cert. Jghid li qishom l-istess tipi ta' karozzi u fuq il-karta ghandu mnizzel Maruti. Jghid li ghandu imnizzel ukoll li s-CAB 607 kienu mwahhlin fuq il-licenzja EBW 685. Jiftakar car li l-karozza ma kintix taqbel man-number plates.

Victor Lofreda xehed quddiem din il-Qorti fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Qal li bhala dati u sena ma jiftakarx bl-ezattt izda jiftakar li selfu vann biex igorr xi affarijiet minn post ghall-iehor u kien nesa xi pjanci tal-karozza go dan il-van. Jghid li '*Dawn kien l-pjanċi tal-karozza tal-mummy alla jaħfrilha għax illummejta, u anke dak iż-żmien kienet mejta diġa. Konna skreppjajna neħħejna l-karozza u dawn konna sejrin nagħtuhom lit-Transport Malta.*' In-numru ta' registrazzjoni ta' din il-karozza ma jiftakarhomx, issugeriet lilu li kienu CAB 607 wiegeb li jista' jkun izda mhux zgur ghax ma jiftakarhomx. Jghid li ma keriex il-van izda sellifulu, ma jafx kienx Subaru izda jahseb li blu. Dak iz-zmien ma kellux il-pjanci li kellu fil-karozza hu. Il-pjanci tieghu ezatt ma jiftakarhomx izda zgur li ma kienx il-pjanci ta' ommu ghax kienu ghandu dawn iz-zmien zgur. Mhuwiex cert jekk kienx van Subaru izda kien van mhux li ggor l-affarijiet, bis-seats wara, van normali. Kien tkellem mieghu u qallu li jista' jiehdu biex igorr.

In kontro-ezami qal li l-pjanci poggihom fil-van biex igorr u nesihom hemm. Lanqas induna li nesihom, kellhom icemplulu mill-ghassa. Spjega li '*Għax ċempluli mill-għassa u kienu qaluli għandek il pjanċi għand is-Sur Anthony ...*' spjega li '*Għedtlu iwa jien, u kien qalli li qed jużahom fuq vettura oħra. Issa jien kienx qed jużahom jew le jien ma nafix il-verita jekk kienx qed jużahom jew le.*' Qatt ma rah ghaddej b'dawk il-pjanci. Ikkonferma li l-pjanci kienu registrati f'isem ommu Mary Lofreda. Ghamel replacement ta' dawn mitlufa zmien qabel, ommu keinet ghada hajja u li dik ma ghandix x'taqsam ghalkemm l-istess pjanci. Jghid li '*għax indekt jien daqs kemm għadda żmien minn dakinhar. Naf li konna tlifna waħda u konna morna għamilna oħra ġdida, imma kienet għadha ħajja l-mummy dak iż-żmien.*'

L-akkuzat appellant Anthony Galea xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn spjega li l-vettura li uza s-Sur Lofreda kienet tal-ghamla Subaru ahmar. Meta selfu l-vettura kellha l-pjanci u kkonferma li ghandu *car hire service* u jikri l-vetturi b'mod kummercjali. Jghid li tah dan il-van u gie bih. Il-van tah lil Lofreda u tah lil haddiehor imbghad warajh u l-Pulizija gabruh li kellu numri ohrajn. L-akkuzat ta' l-van lil Lofreda, rritornah u tah lil haddiehor. Mistoqsi kif dawn il-pjanci spicaw fil-vettura Subaru jghid li ma jafx. Ikkonferma li jirranga l-vetturi tieghu stess u li kellha bzonn tiswijiet. Jghid li ma

jafx kif kienu hemm il-pjanci. Il-pjanci ta' Lofreda ma jafx fejn kienu izda sabhom gos-Subaru. Mistoqsi x'ghamel umbaghad wiegeb '*Il-van konna tlabna ... dak għamilnielu transfer il-van, għamilnih privat sewwa. Jiena tlabt ... mhux tlabt insomma, peress li hu kein self drive jagħtuk numri oħrajn sewwa, privati u l-van kien qiegħed jissewwa ġewwa in the meantime u meta*'.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni taqra' '*Ghamilt uzu minn marka ta' Registrazzjoni xort' ohra minn dik moghtija mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari (CAB607)*'

Ir-regolament 44(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 jipprovdi li:

'*Kull persuna li tagħmel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat.*'

Stephen Cachia fix-xhieda tieghu tal-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) dwar l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'CAB-607' xehed li '*Din il-vettura hija tal-ghamla Skoda Favorit, ta' kulur griz, registrata fuq Mary Lofreda, detentrici tal-karta tal-identita' 601452 (M) u din il-vettura ilha hekk registrata mis-17 ta' Gunju tas-sena 2010, kif ukoll l-ahhar licenzja skadiet fil-31 ta' Marzu tas-sena 2015.*' Warden 440 Ryan Cohen fl-istess seduta xehed li ra l-karozza tat-tip Maruti li kellha l-licenzja tal-windsceen 'May 14' u n-number plate kien CAB 609 li kienu jappartjenu vettura tat-tip Skoda. Huwa ripetutament irrefera ghan-numru ta' registrazzjoni bhala CAB 609 izda jirrizulta li t-tieni imputazzjoni tirrigwarda l-uzu tan-numru ta' registrazzjoni CAB607.

Minn naha l-ohra Warden 209 Melvin Darmanin fl-istess seduta xehed dwar van suzuki li kellu l-licenzja 'May 14' u l-pjanca kienet bin-numru CAB-607 li kienet tghajjat lil vettura Skoda. Ghalhekk dak li jirrizulta kjarament huwa li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAB 607 kienet tirrigwarda l-vettura Skoda izda jirrizulta li l-pjanci b'dawn in-numri ta' registrazzjoni ma nstabux fuq Skoda izda fuq vettura ohra. Il-wardens li xehdu ma kienux certi jekk il-van kienx Maruti, Suzuki jew

Subaru. Mill-atti jirrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'EBW685' kienet tal-ghamla Subaru li kienet intestata f'isem Jeanette Ciantar mal-awtoritajiet, biss pero' ma jirrizultax ikkontestat li din il-vettura kienet fil-pussess tal-appellant. Tant huwa hekk li meta l-appellant gie mitkellem mill-Pulizija fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) huwa ghamel rapport li '*tlett (3) gimghat ilu, jigifieri nhar il-21 ta' Lulju 2015, kien tilef in-numri tar-registrazzjoni ta' wara u ta' quddiem, liema numri kienu EBW 685, tal-vettura tieghu Subaru E10, ta' kulur ahmar. Anthony Galea qal li ma jafx ezattament fejn kien tilifhom.*'

Minkejja li z-zewg wardens li xehdu lanqas identifikaw it-tip ta' vettura stante li ma jiddentifikawiex bhala tal-ghamla Subaru filwaqt li wiehed mill-wardens sahansitra anke jindika numru ta' registrazzjoni hazin u cioe' 'CAB609' minflokk 'CAB607' rigwardanti l-vettura tal-ghamla Skoda, dan ma jfissirx li l-appellant ghandu jigi liberat. Krucjali huwa dak irraportat fl-affidavit ta' Ps. 1181 Eugenio Caruana tikkonferma li l-appellant kien jaf li qieghed jaghmel uzu minn pjanci b'numri ta' registrazzjoni li tghajjat vettura ohra. Skont din l-affidavit '*Meta kellimt lill Galea u staqsejtu kif dawn il-pjanci spiccaw ghandu huwa qalli illi madwar 15 il-gurnata ilu kien kera van lill Lofreda u meta dan irritornah lura sabom fih huwa zied illi nhar il-21 ta'Lulju 2015 kien tilfet il-pjanci tal-van tieghu Subaru E10 numri EBW685 u minflok ma' irraporta lill pulizija kien qabad u wahhal il-pjanci li sab u li kien halla Lofreda..*' Ghalhekk ix-xhieda moghti mill-appellant quddiem din il-Qorti mhijiex kredibli stante li donnu jaghti x'jifhem li ma jafx kif il-pjanci spiccaw ma dan il-van. Filfatt meta mistoqsi '*Issa dawn il-pjanċi kif spiċċaw fil-vettura Subaru? Spjega daqsxejn.*' wiegeb '*Jiena ma nafx ...*' Huwa kkonferma li jirranga l-vetturi tieghu stess u ikkonferma li din il-vettura kellha bzonn ta' tiswijiet. Jghid li meta rega tah lil haddiehor, il-pulizija tawh xi citazzjoni. Mistoqsi '*Tista' tispjega kif dawn il-pjanċi spiċċa fil-vettura Subaru? Spjega. Dawn il-pjanċi fejn kienu?*' wiegeb '*Ma nafx fejn kienu jiena.*' Mistoqsi '*Dawn il-pjanċi ta' Lofreda fejn sibthom?*' wiegeb '*Ħeqq mhux ġo s-Subaru.*' Mistoqsi '*Iva mela sibtom ġo Subaru, mbagħad x'għamilt?*' wiegeb '*Il-van konna tlabna ... dak għamilnielu transfer il-van, għamilnih privat sewwa. Jiena tlabt ... mhux tlabt insomma, peress li hu kien self drive jagħtuk numri oħrajn sewwa, privati u l-van kien qiegħed jissewwa ġewwa in the meantime u meta*' Ix-xhieda tieqaf hemm u ghalhekk ma hemmx spjegazzjoni dwar x'ghamel bihom il-pjanci li sab fis-Subaru. L-appellant fil-parti dedikata ghal fatti fl-appell

jghid li '*meta l-vettura mislufa giet ritornata lura, l-imputat poggiha fil-garaxx ghat-tiswija w hallija hemm. Illi l-istess imputat kellu bzonn juza l-vettura w meta induna li lpjanci ma kienux fuqha imma sab pjanci gewwa l-istess vettura, haseb li l-pjanci kienu tal-vettura inkwistjoni. Illi ghalhekk, il-pjanci twahhlubil-konsegwenza odjerna.*' Din il-Qorti lanqas ma tqis din il-verzjoni bhala kredibbli stante li hija kontradetta mill-verzjoni moghtija mill-appellant stess lil Pulizija skont kif rapportat fl-affidavit li saret referenza ghalih f'din is-sentenza.

Minn naha l-ohra Victor Lofreda li xehed fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) qal li ghalkemm ma jiftakarx in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura ta' ommu qal li nesa l-pjanci fil-van li jahseb li kien blu ghalkemm mix-xhieda ta' Stephen Cachia bhala administrator gewwa d-Direttorat ghat-Trasport fuq l-art, il-kulur tal-vettura huwa ahmar. Victor Lofreda jghid li sar jaf li nesihom fil-van li beda juza biex igorr ghax cemplulu mill-ghassa. Jghid li '*jien kienx qed jużahom jew le ma nafix il-verita jekk kienx qed jużahom jew le.*' izda qatt ma rah ghaddej b'dawk il-pjanci.

L-appellant fl-appell tieghu jghid li kien tort ta' Victor Lofreda li meta uza l-vettura mislufa minnu mill-imputat, pogga l-pjanci tal-vettura tal-mibkija ommu u insihom hemm. Jghid li bhala sid ta' *car hire service* wiehed jista jifhem li l-imputat assuma li l-pjanci kienu tal-vettura tieghu mizmuma fil-garaxx. Jghid li l-pjacir li ghamel l-imputat lil Victor Lofreda serviet ta' hsara ghalih ghax ma kellu tort xejn. Dwar dan din il-Qorti tissottolinea li nonostante l-fatt li Victor Lofreda jghid li nesa dawn il-pjanci f'dan il-van, l-appellant ma kellu qatt juza pjanci li ma jappartjenux lil dak il-van. L-appellant jghid li ma kien hemm prezenti ebda *mens rea* u li l-fatt li gie mitlub jitla l-Qorti biex jirrispondi ghal haga li a kellux tort, jikkonsiderha bhala affront ghalih ghax hu dejjem ottempera ruhu mal-ligi. Jghid li Lo Freda ikkonferma li l-izball kien tieghu u li l-evidenza skolpiet ghal kollox il-pozizzjoni tal-imputat. Jistaqsi minn ser jaghmel hsara lilu nnifsu bhala ma qed jigi suggerit f'dawn il-proceduri u li l-imputat u ragel serju tal-affarijiet tiehu u dejjem ikkonforma mal-ligi. Dak li l-appellant jissottometti fl-appell tieghu ma jirrizultax mill-atti. Ma jirrizultax ippruvat fuq bazi ta' probabilita' li l-appellant haseb li l-pjanci fil-van kienu jappartjenu lil dak il-van u li ghalhekk wahhalhom. Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti

*'jirrizulta illi l-istess vettura li kienet fil-pussess tal-akkuzat itqieghdu fuqha 'number plates' CAB 607 u wara nghatat lil terza persuna sabiex juza ghal skoijiet kumercjali'* Il-verzjoni li din il-Qorti taghzel temmen hija dik il-verzjoni moghtija mill-appellant lil Ps. 1181 Eugenio Caruana skont kif rapportat minn Ps. 1181 Eugenio Caruana u cioe' li l-appellant kien tielef il-pjanci u li stante li Lofreda halla xi pjanci ohra fil-van, ghazel li flokk jirraporta t-telf tal-pjanci, jaqbad u jwahhal dawn il-pjanci.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Marija Stella Attard Vs Duncan Schembri'**[10] gie kkunsidrat li ir-reat taht ir-regolament 44(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 huwa reat kontravenzjonali minkeja li l-piena hija wahda ta' delitt u li ghalkemm ma jehtiegx il-koxxjenza dwar l-illegittimita tal-att, irid jirrizulta l-volontarjeta tal-att mill-awtur tieghu. Filfatt il-Qorti f'dik is-sentenza qieset li:

*'Issa l-appellanti gie misjub hati ta' zewg reati addebitati lilu fl-ewwel zewg imputazzjonijiet. L-ewwel imputazzjoni tikkontempla ir-reat mahsub fir- regolament 44(5) ta'l-Legislazzjoni sussidjarja 368.02 li tistipula hekk:*

*"Kull persuna li taghmel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun hatja ta' reat."*

*Illi ghalkemm il-ligi tikkomina ghal dan ir-reat pieni li huma irrogabbli ghad-delitt, izda hawn si tratta ta' reat kontravvenzjonali, ghax skond il-ligi rilevanti dan ir-reat ghandu jkun kwalifikat bhala kontravvenzjoni. Dan johrog car mid-dicitura ta's-sub-inciz 7 ta'l-istess regolament fejn hu imfisser illi l-ksur tar-regolamenti dwar registrazzjoni u licenzjar ta' vetturi bil-mutur hija kontravvenzjoni u mhux delitt.'*

Ghalhekk ir-reat kontemplat taht ir-regolament 44(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 huwa reat kontravenzjonali li ma jehtiegx l-*mens rea* izda jehtieg il-volontarjeta tal-att. F'dan il-kaz partikolari, huwa car li l-appellant li kien fil-pussess tal-vettura bin-numru EBW685 volontarjament ghazel li jwahhal pjanci ohra li ma kienux jappartjenu lil din il-vettura. Din il-Qorti ma tikkunsidrax bhala kredibbli l-

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru 396/2016)

argument tal-appellant imqajjem fl-appell li huwa assuma li l-pjanci kienu jappartjenu lil din il-vettura.

Minkejja li l-vettura Subaru bin-numru ta' registrazzjoni EBW685 ma hijiex registrata fuq l-appellant, u anke jekk din il-Qorti kellha tiskarta fejn l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li ''*number plate' EBW 685 huwa tat-tifla tal-akkuzaat*' stante li mix-xhieda li xehdu quddiem din il-Qorti ma jirrizulta jekk dan in-number plate kienx tat-tifla tal-akkuzat, jirrizulta li l-appellant kien ha responsabbilta' ta' dan il-van meta kriha lil terzi u kien huwa stess li biddel il-pjanci ghalhekk gie ippruvat li ghamel uzu minn mark ta' registrazzjoni xorta' ohra minn dik moghtija mill-Awtorita'.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija tat-tieni (2) imputazzjoni.

Stante li l-appellant mhuwiex jappella mill-piena, din il-Qorti mhijiex sejra tvarja l-piena imposta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena b'dan li t-terminu ghal hlas tal-multa ta' hames mitt ewro (€500) pagabbli fuq medda ta' ghaxar (10) xhur permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin ewro (€50) jibda' ghaddej mil-lum. Din il-Qorti tikkonferma l-ordni li jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc tal-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priggunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur